**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Micallef Grimaud)**
**(Spettur Daryl Borg)**

**vs.**

**John Zarb**

Numru: 888/2011

Illum is-sebgha (7) ta' Lulju 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat **John Zarb**, ta' sebgha u hamsin (57) sena, bin Carmel u Antoinette neé Camilleri Cacopardo, imwieled Malta fil-21 ta' Awwisu 1953 u joqghod Nru. 26, Taz-Zghira, Triq J. Howard, Naxxar, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 587653(M)

akkuzat talli fit-12 ta' Lulju 2010, ghall-habta tal-10.00am fil-bahar, fl-akwati tal-Ponta ta' Tigné, Sliema:

1. bhala s-sewwieq tal-*motor yacht* MY *Sorcery*, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' Giuseppe Gatt.

Il-Qorti giet mitluba li, f'kaz ta' kundanna, tiskwalifika lill-imputat, jew bhala awtur jew komplici, milli jzomm jew jikseb xi *warrant*, licenzja tas-sewqan, f'kaz li l-ewwel kundanna ghal zmien ta' mhux anqas minn tlett xhur, u f'kaz tat-tieni kundanna jew kundanna ohra wara ghal zmien ta' mhux anqas minn sena.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat il-Process Verbal bin-Numru 96/11 (*a fol.* 5 *et seq.*) redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Edwina Grima.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 420) datata 23 ta' Awwissu 2013 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikolu 225(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fir-Regolament 47 tal-L.S. 499.52 tal-Ligijiet ta' Malta; u
(c) fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-30 ta' Settembru 2013 (*a fol.* 422), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-23 ta' Awwissu 2013 (*a fol.* 420), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat illi, fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2014 (*a fol.* 424), il-Qorti ordnat illi l-Kaptan John Mary Dalli u Dr. George Said ghandhom jitqiesu bhala esperti nominati minnha u dana in segwitu ta' qbil bejn il-partijiet fis-seduta msemmija (*a fol.* 425 u 426).

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju (*a fol.* 487 *et seq.*).

Semghet lid-difiza tiddikjara li ma kellhiex xhieda ohra xi tressaq.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezentata fil-5 ta' Awwissu 2015 (*a fol.* 508 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza pprezentata fid-29 ta' Frar 2016 (*a fol.* 518 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2011, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Pierre Micallef Grimaud** (*a fol.* 169 *et seq.*) rigward dak li gie nfurmat bih fit-12 ta' Lulju 2010 meta kien sehh incident fuq il-bahar fl-akwati ta' Tigné bejn *yacht* bl-isem ta' *Sorcery* misjuq mill-imputat, li flimkien mieghu kien hemm martu, u frejgatina li fuqha kien hemm Giuseppe Gatt bil-konsegwenza li dan tal-ahhar ittiehed l-isptar peress li kien fil-periklu tal-mewt. Jghid li ftit wara kien gie nfurmat li Gatt kien miet. Jispjega li nfethet Inkjesta Magisterjali u li fiha gew appuntati diversi esperti. Jghid li in segwitu ta' dak deciz fl-Inkjesta Magisterjali ttiehdu proceduri kriminali fil-konfront tal-imputat.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2011, xehed ukoll **Dr. Joseph Zammit** (*a fol.* 172 *et seq.*) fejn spjega li kien appuntat bhala espert fl-Inkjesta Magisterjali. Huwa kkonferma r-rapport redatt minnu, liema rapport jinsab immarkat bhala Dok. "JZ" (*a fol.* 39 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2014 (*a fol.* 469 *et seq.*), gie mistoqsi numru ta' domandi rigward l-inkarigu tieghu u rigward ir-rapport redatt minnu. Ikkonferma li kellu rizervi dwar dak li nghad lilu mill-imputat meta l-imputat qallu li fil-hin tal-incident kien fit-tmun. Ikkonferma li jista' jaghti l-kaz li l-imputat ma kienx qieghed jidderigi l-*yacht* manwalment. Jghid: *"Jien nghid li [d-dghajsa li fuqha kien hemm il-vittma] kienet wieqfa, l-konkluzjoni tieghu wasalt u hemm hafna ragunijiet jekk trid nerga' nghidhomlok. L-uniku haga li kienet turi li l-frejgatina kienet miexja kienet handle daqshekk"* (*a fol.* 480).
Illi, fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2011, xehed ukoll **Dr. Mario Scerri** (*a fol.* 176 *et seq.*) fejn ikkonferma r-relazzjoni tieghu pprezentata fl-

Inkjest Magisterjali, liema relazzjoni tinsab immarkata bhala Dok. "MS" (*a fol.* 116 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2011, xehed **PS 122 Arthur Borg** (*a fol.* 182 *et seq.*) fejn filwaqt li qal li kien gie nominat bhala fotografu fl-Inkjesta Magisterjali, ikkonferma r-relazzjoni tieghu li tinsab immarkata bhala Dok. "AB" (*a fol.* 151 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Dicembru 2011, xehdu **Profs. Marie Therese Camilleri** u **Dr. Ali Safraz** (*a fol.* 186 *et seq.*), li kienu gew mahtura bhala Esperti Patologi fl-Inkjesta Magisterjali, fejn ikkonfermaw r-relazzjoni redatta minnhom liema relazzjoni tinsab immarkata bhala Dok. "CS" (*a fol.* 145 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2012, xehed **Joseph Gatt Baldacchino** (*a fol.* 191 *et seq.*), it-tifel tal-vittma, fejn qal li meta sehh l-incident mertu tal-proceduri odjerni huwa ma kienx ma' missieru. Jghid li missieru qatt ma kien johrog irejjex pero jghid li kien dejjem jistad ghal tal-qiegh. Jghid ukoll li meta missieru kien jitfi l-magna tad-frejgatina, huwa kellu l-vizzju li johrog ic-cavetta minn gol-*ignition*. Jghid: *"Ghax kienet tintlaqat u kien jibza' li tinqasam fil-post"* (*a fol.* 192). Jixhed li din ic-cavetta nghatat lilhom mill-Pulizija peress li telghet f'wicc il-bahar u jispjega li dan ifisser li c-cavetta ma kienitx fl-*ignition* u li l-magna ma kienitx starjata. Jghid li l-fregjatina ma kienitx fuq isem missieru pero fuq isem huh, cioé Martin Gatt Baldacchino.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Frar 2012, xehed l-i**Spettur Stephen Saliba** (*a fol.* 197 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tat-12 ta' Lulju 2010 huwa kien Surgent bin-numru 1161 stazzjonat fl-Ghassa tal-Pulizija tal-belt Valletta. Jispjega li l-imputat kien qallu li waqt li kienu qeghdin fejn il-Port ta' Tigné, madwar sitt mitt metru 'l boghod, hass daqqa bhal skoss. Jghid li l-imputat qallu li waqqaf il-*yacht* tieghu u mar jiccekkja u ra xi bicciet ta' dghajsa jifflowtjaw fil-bahar kif ukoll persuna fil-bahar. Jghid li, jekk jidhirlu sew, mart l-imputat qabzet il-bahar biex taghti l-ghajuna lill-vittma li eventwalment miet xi hin wara.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Frar 2012, xehed ukoll **Joseph Briffa** (*a fol.* 199 *et seq.*) fejn spjega li kien gie mahtur bhala Espert fl-Inkjesta

Magisterjali. Huwa kkonferma r-relazzjoni tieghu li tinsab immarkata bhala Dok. "JB" (*a fol.* 136 *et seq.*). Jispjega li ma setax jasal ghall-konkluzjoni dwar jekk il-magna tal-frejgatina li fiha kien hemm il-vittma kienitx qieghda tahdem jew le waqt il-kollizzjoni mal-*yacht Sorcery*.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2012, xehed **Lance Bumbardier 65 Kevin Abela** (*a fol.* 206 *et seq.*) fejn spjega li huwa stazzjonat il-*Maritime Squadron*. Spjega li dakinhar tal-akkadut kien xoghol u li f'hin minnhom dahal rapport li kien hemm kollizzjoni bejn il-Hilton u l-Preluna. Jghid li wara madwar sitt minuti hu (bhala *Engineer*) flimkien mal-Kaptan u iehor bhala *deck hand* tad-dghajsa waslu fuq il-post fejn sabu *yacht* u tlitt minn nies fil-bahar: tnejn kienu f'sikithom u wiehed kien mitluq jinzamm mit-tnejn l-ohra biex ma jeghriqx. Jghid li l-vittma gie mghobbi u ddahhal l-art. Jixhed li lil sid il-*yacht* qalulu biex jidhol warajhom. Gharaf lill-imputat fl-awla bhala l-persuna li kien fil-bahar ma' martu. Jghid li l-vittma miet xi hin wara. Jghid li d-dghajsa li fuqha kien hemm il-vittma nstabet xi jiem wara.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2012, xehed ukoll **Bumbardier 86299 Raphael John Mallia** (*a fol.* 210 *et seq.*) li xehed fuq l-istess linji li xehed fuqhom Kevin Abela hawn fuq imsemmi. Jghid li huwa kien flimkien ma' Lance Bumbardier Kevin Abela u Bumbardier Victor Palmier.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2012, xehed ukoll **Dr. Patrick Farrugia** (*a fol.* 214 *et seq.*) fejn spjega x'kien l-involviment tieghu fid-Dipartiment tal-Emergenza fl-iSptar meta ddahhal il-vittma. Spjega li meta l-vittma ddahhal l-iSptar huwa ma kienx qed jiehu n-nifs u fuqu saret is-CPR.

**Dr. Patrick Farrugia** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2012 (*a fol.* 219 *et seq.*) fejn qal li, skond il-memorja tieghu, is-CPR li sar fuq il-vittma ma kienx ta' success.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2012, xehed **PS 1417 Stephen Tarpey** (*a fol.* 223 *et seq.*) fejn beda billi jispjega li fit-12 ta' Lulju 2010 huwa kien xoghol fis-1.00pm u li kien PS 1161 li kien beda l-

investigazzjoni mbaghad hu (PS 1417) kompla l-investigazzjoni. Huwa xehed fuq ir-rapport li gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "ST 1" (*a fol.* 227 *et seq.*). Jispjega li filwaqt li ra l-*yacht Sorcery*, jghid li ma rax id-dghajsa l-ohra.

Illi fis-16 ta' Mejju 2012 gie pprezentat l-*file* mediku tal-vittma, liema *file* jinsab *a fol.* 233B.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2013, xehed **Surgent Charlot Micallef** (*a fol.* 262 *et seq.*) fejn spjega li fis-17 ta' Lulju 2010 kien Bumbardier u li kien involut meta nstabet id-dghajsa li kienet gherqet xi jiem qabel. Jghid li marru fuq il-pozizzjoni ndikata mill-imputat u martu, nizlu l-ghaddassa u ghamlu tfittxija u ma nstab xejn. Jispjega li hekk kif gew biex jidhlu lura, kwazi fl-istess zona, gie nnutat habel fl-ilma, regghu nizlu l-ghaddassa u sabu d-dghajsa. Jghid li din giet imtella' fil-prezenza tieghu fejn setgha jinnota li d-dghajsa kellha hsarat estensivi.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2013, xehed ukoll **Bumbardier 86434 Stephen Galea** (*a fol.* 267 *et seq.*) fejn spjega li fis-17 ta' Lulju 2010 kien gie msejjah flimkien ma' Bumbardier Micallef sabiex jigu mwassla l-ghaddassa f'pozizzjoni partikolari. Jghid li maghhom kien hemm ukoll il-Bumbardier Abela. Xehed fuq l-istess linji li xehed fuqhom Micallef hawn fuq imsemmi.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2013, xehed ukoll **Surgent Joseph Abela** (*a fol.* 271 *et seq.*) fejn spjega li fis-17 ta' Lulju 2010 kienu nhargu xi ghaddassa maghhom sabiex tigi mfittxija dghajsa li eventwalment instabet u giet mtella'.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' April 2013, xehed **Clayton Buttigieg** (Kap tar-Registru tas-Sajd – *a fol.* 277 *et seq.*) fejn qal li fit-12 ta' Lulju 2010 il-bastiment bin-numru MFC 6107 kien registrat f'isem Martin Gatt Baldacchino. Aktar tard fl-istess seduta (*a fol.* 295) ezebixxa *sticker* li turi dan, liema *sticker* giet immarkata bhala Dok. "CB 1" (*a fol.* 297).

Illi, fis-seduta tal-15 ta' April 2013, xehed ukoll **Paul Magro** (*Manager* fi hdan *Transport Malta* – *a fol.* 279 *et seq.*) fejn spjega li l-imputat kellu licenzja nawtika valida li kienet tiskadi fis-sena 2014.

Ezebixxa kopja tal-licenzja li giet immarkata bhala Dok. "PM 1" (*a fol.* 281 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-15 ta' April 2013, xehed ukoll **Bumbardier 86534 Antoine Cassar** (*a fol.* 283 *et seq.*) fejn spjega li kien involut bhala ghaddas fit-tfittxija tad-dghajsa, liema tfittxija saret fejn kien gie ndikat biex ifittxu. Jghid li d-dghajsa li bdew ifittxu nstabet wiccha l-fuq f'fond ta' 33 metru go qiegh ramli. Mistoqsi jghid jekk kellhiex xi hsarat, wiegeb: *"Iva kellha daqqa gol-portside, meta qed nghidlek portside jigifieri minn naha ta' wara tad-dghajsa on the right hand side u daqqa zghira ohra n-naha tal-istarboard"* (*a fol.* 285). Jghid li d-dghajsa giet mtella' bil-*lifting bags*.

In <u>kontro-ezami</u> kkorrega ruhha u qal li *starboard* huwa lemin.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' April 2013, xehed ukoll **Bumbardier 86244 Ivan Falzon** (*a fol.* 287 *et seq.*) fejn spjega li kien involut bhala ghaddas sabiex issir it-tfittxija tad-dghajsa u jghid li kien mar flimkien ma' kollegi tieghu fin-naha ta' Tigné. Jghid li d-dghajsa nstabet wiccha l-fuq madwar 33-35 metru fil-qiegh. Jixhed li d-dghajsa kellha daqqa fuq l-i*starboard* u jispecifika li kellha daqqa kbira fuq din in-naha u n-naha l-ohra kellha toqba zghira. Jghid li d-dghajsa giet mtella' bil-*lifting bags*.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' April 2013, xehed ukoll **Bumbardier Victor Palmier** (*a fol.* 291 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tal-akkadut kien *deck hand* u kien hareg flimkien mal-*Master* u mal-Inginier u marru lejn Tigné fejn sabu *yacht* bi tlitt min nies gol-bahar li bdew izommu mas-sellum li kien hemm fuq wara tal-*yacht*. Jghid li gie mtella' l-vittma u baqghu sejrin l-art bih peress li kien hemm ambulanza tistennieh. Gharaf lill-imputat fl-awla u xehed li qalulu biex jitla' fuq il-*yacht* tieghu u biex jaqbad it-triq il-gewwa.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' April 2013, xehed ukoll **Bumbardier Raphael John Mallia** (*a fol.* 298 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tal-akkadut, wara li kien dahal rapport li kien hemm habta bejn zewg dghajjes, hu, flimkien ma' Bumbardier Victor Palmier u Lance Bumbardier Abela, hargu mal-ewwel ghal fuq il-post fejn gie ndikat lilhom. Jghid li meta waslu fuq il-post instabu tlitt min nies

b'wiehed minnhom mitluf minn sensieh. Jghid li l-imputat kien fil-bahar u li kien f'sensieh. Jghid li l-vittma gie mtella' fuq il-lanca.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2013, xehed **Dr. George Said** (*a fol.* 305 *et seq.*) fejn spjega li huwa ma kienx gie nkarigat bhala espert fl-Inkjesta Magisterjali pero kien gie mqabbad mill-Ministru *ai termini* ta' Artikolu 313 tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta. Ezebixxa Nota li saret mill-Ministeru tat-Trasport, liema Nota giet immarkata bhala Dok. "GS 1" (*a fol.* 307), fejn inghad li, jekk hemm bzonn, dan ir-rapport jintuza' fl-Inkjesta Magisterjali. Ezebixxa kopja tar-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "GS 2" (*a fol.* 308 *et seq.*). Dan ir-rapport huwa maqsum f'zewg volumi: l-ewwel volum huwa r-rapport ta' Dr. Said u t-tieni volum (Dok. "GS 2" – *a fol.* 342 *et seq.*) huwa r-rapport tal-Kaptan John Mary Dalli li kien tqabbad bhala espert tekniku.

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2014 (*a fol.* 456 *et seq.*), ikkonferma li kien sodisfatt li l-imputat mhux talli kien *"in command"* tas-*Sorcery* talli kien ukoll *"on the wheel"* (*a fol.* 459). Jixhed li rrizulta li fil-hin tal-akkadut id-dghajsa tal-vittma kienet mixja. Jispjega li kieku din id-dghajsa ma kienitx mixja, bid-daqqa moghtija mis-*Sorcery* kienet tmur fid-direzzjoni kompletament differenti minn fejn marret. Jghid li d-daqqa fuq id-dghajsa kienet fin-nofs. Ix-xhud gie mistoqsi numru ta' domandi ohra teknici. Jikkonferma li baqa' dak li hu jsejjah bhala "*misteru*" (*a fol.* 464) kif il-vittma baqa' ma ha l-ebda *evasive action*. Jghid: *" Din kienet ghalina l-misteru ta' kif gara, ghaliex li s-Sorcery ma rax lis-San Guzepp nifhimha mic-cirkostanzi kollha ta' l-incident, jigifieri li ma rahx sa l-ahhar nifhimha mic-cirkostanzi tal-incident, pero' is-San Guzepp I mean seta' rah at any time. U kif dana ma rahx jew kif dana ma hax azzjoni biex jevita dan l-incident baqghet dejjem sorprendenti"* (*a fol.* 464). Jghid li jista' jaghti l-kaz li l-vittma kien dahru lejn is-*Sorcery* pero ma huwiex f'pozizzjoni li jikkonferma dan.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2013, xehed ukoll **il-Kaptan John Mary Dalli** (*a fol.* 402 *et seq.*) fejn spjega li huwa gie mitlub jaghmel rapport tekniku minn Dr. George Said rigward l-incident bejn *yacht* u frejgatina fejn persuna tilfet hajjitha. Huwa kkonferma li r-

rapport tieghu huwa dak mmarkat bhala Dok. "GS 2" (*a fol.* 342 *et seq.*).

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2014 (*a fol.* 427 *et seq.*), mistoqsi fuq l-uzu tal-kliem *"under way"* u *"making way"* fir-rapport tieghu (*a fol.* 346) jghid: *"id-differenza bazikament hija "under way" meta ma jkunx marbut jew inkella jkollu xi haga x'izzommu fil-post, ikun taht l-element tat-temp u mitluqa. U "making way" ikun hemm xi haga li tmexxih, jew il-qlugh jew inkella l-magna"* (*a fol.* 427). Wara li gie moqri lilu li fir-rapport tieghu kiteb li l-fregjatina tal-vittma kienet tintuza *"for recreational fishing namely trawling or langling"*, spjega li *"langling"* huwa meta persuna jkun qed jistad bil-qasba u jkun *"stationary"* u li meta tkun *"trawling"* tkun qed trejjex jew qieghed titfa' ghal qiegh u kkonferma li ghandek bzonn certu moviment. Ix-xhud gie mostoqsi numru ta' domandi ohra teknici rigward ir-rapport tieghu. Ikkonferma li wasal ghal konkluzjoni li l-vittma kien qed irejjex u li l-dghajsa kienet *in motion* bil-magna taghha mixghula.

In kontro-ezami, li tkompla fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2014 (*a fol.* 442 *et seq.*), ikkonferma li c-cavetta ma nstabitx fl-*ignition* tal-frejgatina u kkonferma wkoll li f'kaz li c-cavetta tinqala' minn postha mit-tip ta' magna tad-dghajsa tal-vittma, il-magna xorta tibqa' tahdem, basta jkun hemm *fuel*. Ikkonferma li l-frejgatina kienet il-*give way vessel* u li s-*Sorcery* kienet l-i*stand on vessel*. Ikkonferma wkoll li l-frejgatina kellha taghmel moviment sabiex is-*Sorcery* tibqa' miexja l-quddiem. Gie mistoqsi fuq ir-ragunijiet elenkati fir-rapport tieghu ghala skond hu s-*Sorcery* ma setax jara l-frejgatina. Ghall-osservazzjoni tal-konsulent legali tad-difiza: *"Kaptan biex naghlaq, allura hawnhekk ghandek sitwazzjoni fejn [...] mhux biss John Zarb mhux qed jarah izda meta tqies kollox ma setax jarah"* (*a fol.* 449), il-Kaptan Dalli wiegeb: *"Ma setax jarah. Kien hemm fatturi li llimitaw li jista' jarah"* (*a fol.* 449).

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2013, xehed ukoll **Dean Myburgh** (*a fol.* 404 *et seq.*) fejn spjega li fit-12 ta' Lulju 2010 huwa kien qed jahdem fuq il-*catamaran* bl-isem ta' *Spirit of Malta* u wara li telaq minn tas-Sliema u kien wasal il-barra lejn Tigné Point setgha jara hafna bicciet fil-wicc tal-bahar u nforma l-Valletta Port Control

dwar dan. Jghid li ngabar xi *debris* li gie mghoddi lill-*patrol boat* li waslet xi hin wara. Jghid li ma ra lill-ebda persuna jew dghajsa ohra fil-vicinanzi.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2013, xehed ukoll **Martin Gatt Baldacchino** (*a fol.* 406 *et seq.*) fejn beda billi spjega li huwa jigi iben il-vittma. Ezebixxa *survey report* li sar fuq il-frejgatina li tinsab fuq ismu, liema rapport gie mmarkat bhala Dok. "MGB 1" (*a fol.* 408 *et seq.*). Ezebixxa wkoll dokument li l-frejgatina ssejjah lilu, liema dokument gie mmarkat bhala Dok. "MGB 2" (*a fol.* 410). Jghid li missieru kien johrog kuljum fuq il-bahar.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2013, xehed ukoll **Simon Grech** (*a fol.* 411 *et seq.*) fejn spjega li fis-17 ta' Lulju 2010 flimkien ma' Bumbardier Falzon u Bumbardier Cassar marru jaghmlu tfittxija fl-akwata ta' Tigné Point fejn wara li kienu nizlu xi ghaddasa fil-bahar instabet dghajsa. Jghid li d-dghajsa ttellghet bil-*lifting bags* u giet imdahhla lejn l-art.

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2015, xehed l-imputat **John Zarb** (*a fol.* 487 *et seq.*) fejn spjega li martu kienet ghadha kemm mietet. Jghid li jekk mhux sejjer zball huwa xtara l-*motor yacht* tieghu fis-sena 1992 u li hu u martu ghamlu hafna vjaggi fuqu. Jghid li dakinhar tal-akkadut hu flimkien ma' martu hargu bil-*motor yacht* minn Portomaso u kienu sejrin lejn Manoel Island. Jghid li mentri hu kien fuq ir-rota, daqxejn on the *starboard*, martu kienet fuq gewwa. Jghid li l-incident sehh meta kienu quddiem Tigné Beach. Jghid li f'hin minnhom hass daqqa, f'liema hin kien direzzjoni Xlokk, tidhol lejn Marsamxett. Jghid li kien ghadu fuq ir-rota u fuq l-i*starboard*. Jghid li kien qed izomm ir-rota b'idu tax-xellug. Jghid li l-i*speed* tad-dghajsa kien ta' seba' *knots* u nofs. Jixhed li bid-daqqa li hass, il-pruwa gholiet daqxejn u l-i*speed* tnaqqas. Jghid li awtomatikament b'idu tal-lemin gab il-magna wieqfa u ra x'gara. Jghid li hekk kif hares fuq in-naha tax-xellug (*portside*) ma ra xejn u meta hares lejn l-i*starboard* ra dell kbir u nduna li kien hemm kollizzjoni. Jghid li seta' jara l-imbarazz li waqa' minn fuq id-dghajsa u fuq in-naha tax-xellug ra lill-vittma jghum isejjah ghal ghajnuna. Jispjega x'ghamlu hu u martu sabiex jassistu lill-vittma. Jghid li martu f'hin minnhom qabzet il-bahar u marret vicin il-vittma. Jispjega li ma rnexxilhomx

itellghu lill-vittma fuq il-*motor yacht* minkejja li bdew jippruvaw jaghmlu hekk. Jghid li f'dan il-hin il-vittma deher li ma kienx f'sensieh. Jghid li wara li ghamel *emergency call*, qabez il-bahar hu wkoll biex jghin lil martu u hu u martu spiccaw it-tnejn izommu lill-vittma bejniethom mas-sellum kemm jista' jkun jgholluh mill-ilma biex ma jiblax ilma. Spjega x'gara meta waslet l-ghajnuna u jghid li wara li l-vittma ttella' fuq il-*patrol boat* li waslet, qalulu biex imur bil-*motor yacht* tieghu warajhom. Mistoqsi jghid x'vizwal kellu qabel sehh l-incident, jghid: *"Illum naf kif kienet ghax hrigna ergajna u naf li kelli vizwal tajba, dak il-mument kieku ssaqsini ma kontx nista' nghidlek"* (*a fol.* 497). Jghid li sa jumejn wara l-incident ma setghax jifhem x'gara u jispjega kif wasal ghal konkluzjoni ta' dak li setgha gara. Pero jghid: *"ma kellix idea naf li ma kienx quddiemi imma ghallinqas naf li ma kienx wieqaf quddiemi u naf li ma giex mill-istarboard side li kienet tkun hafna aghar ghax hemmhekk ghandi responsabilita' ferm ikbar"* (*a fol.* 500). Jghid: *"The other point is bdejna nifhmu ghaliex ma stajtx narah ghax l-angle of approach tieghu vis-à-vis id-dghajsa tieghu poggietu ezattament gox-xemx u hadna ritratti u rajna frejgatini u qaghdna nosservaw frejgatini dehlin u hergin mix-xemx kif jidhlu fiha dak l-anglu li kien gej lejja hu ma tarhomx assolutament ma jidhrux apparti li huma baxxi u affarijiet ohra"* (*a fol.* 501). Jghid: *"jekk hu meta l-approach towards me kien fix-xemx baqa' fix-xemx, throughout the whole approach baqa' l-istess anglu direttament gox-xemx"* (*a fol.* 501). Meta gie muri ritratti li jinsabu *a fol.* 397 u 398 tal-process, jghid li huwa ovvju li l-Inkjesta marittima ghamlet l-istess haga li ghamlu huma meta ghamlu *re-construction.* Jghid li ma kienx qed isuq fil-*glare* peress li l-*glare* tinsab f'angolu ta' 45 *degrees*. Jghid: *"L-istess zvantagg li ghandi jien li ghandi x-xemx f'ghajnejja huwa vantagg tieghu li qed jara l-boat tieghi mixghula bix-xemx"* (*a fol.* 503).

Fl-Inkjesta Magisterjali, Zarb xehed fuq l-istess linji li huwa xehed fuqhom quddiem il-Qorti. Fis-seduta mizmuma fit-13 ta' Lulju 2010 quddiem l-Espert Dr. Joseph Zammit, Zarb qal: *"Li nista' nghid huwa li jiena ma rajtux ma nafx kienx qieghed wieqaf jew jekk kienx mixi. Dak il-hin kien hemm dghajjes ohra fil-boghod. F'mument minnhom smajt hoss kbir. Ma nafx x'seta gara. Jien ghandi vista tajba u nuza nuccali biss ghall-qari. Quddiemi kelli vista tajba wkoll (vizibilita') billi jien noqghod kemm kemm fil-genb minhabba l-arblu tal-qlugh"*.[1]

[1] *A fol.* 43 *et seq.*

Fl-Inkjesta Magisterjali, xehdet ukoll **Nadya Zarb**, mart l-imputat, li mietet fil-mori tal-proceduri odjerni. Fis-seduta mizmuma fit-13 ta' Lulju 2010 quddiem l-Espert Dr. Joseph Zammit, Nadya Zarb[2] qalet li hija kienet gewwa tnaddaf il-*motor yacht* u hekk kif kienet hierga semghet hoss kbir. Tghid li hasbet li kienu laqtu xi haga u li zewgha kien qalilha li jahseb li kien laqat lil xi ragel. Tghid li hija rat bicciet ta' dghajsa u kif ukoll ragel fin-nofs jghajjat ghall-ghajnuna. Tispjega x'ghamlet u x'ghamel zewgha biex jippruvaw isalvaw lill-vittma.

Fl-Inkjesta Magisterjali, xehdu wkoll **Alan Russell Crowe**[3], **Lamberta Crowe neé Westdyk**[4] u kif ukoll il-**Bumbardier Raphael John Mallia**[5]. Fir-rigward tal-Bumbardier Mallia, dan xehed fuq l-istess linji li huwa xehed quddiem il-Qorti. Fir-rigward tal-konjugi Crowe, li ma gewx prodotti bhala xhieda quddiem il-Qorti, dawn xehdu fuq dak li osservaw meta lemhu s-*Sorcery* u kif ukoll t-tlett persuni fil-bahar, b'wiehed minnhom jidher mitluq.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-kawza tikkoncerna incident li sehh fuq il-bahar fit-12 ta' Lulju 2010 bejn il-*motor yacht* MY *Sorcery* misjuq mill-imputat u d-dghajsa *ossia* frejgatina MFC 6107 bl-isem ta' San Guzepp li fuqha kien hemm il-vittma li sfortunatament tilef hajtu ftit wara l-incident. Is-*Sorcery* hija dghajsa bil-qlugh, b'tul ta' sittax il-metru, u wisa' ta' 4.66 metru li kienet fi triqtha minn Portomaso ghal Manoel Island Yacht Yard. Il-frejgatina spiccat gherqet sforz tal-impatt bejnha u s-*Sorcery*. Jirrizulta li l-impatt fuq il-frejgatina kien fuq in-naha tal-i*starboard* (in-naha tal-lemin) *stante* li l-fregjatina kellha daqqa kbira fuq din in-naha[6].

Illi l-Qorti tinnota li, in segwitu tal-incident hawn fuq imsemmi, infethet Inkjesta Magisterjali u li kien a bazi tal-konkluzjonijiet ta' din l-Inkjesta Magisterjali li gew intavolati l-proceduri odjerni fil-

[2] *A fol.* 47 *et seq.*
[3] *A fol.* 48 *et seq.*
[4] *A fol.* 50 *et seq.*
[5] *A fol.* 52 *et seq.*
[6] *Vide a fol.* 348 u 349.

konfront tal-imputat fejn l-imputat qed jigi akkuzat b'omicidju involontarju tal-vittma. L-atti processwali ma jikkontjenux il-verzjoni tal-vittma *stante* li huwa miet.

**Ikkunsidrat**
**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Inkjesta Magisterjali**
Illi l-Qorti tinnota li fil-Process Verbal bin-Numru 96/11 (*a fol.* 5 *et seq.*) il-Magistrat Inkwirenti kkonkludiet is-segwenti:

> "Ghaldaqstant billi gie stabbilit mill-esperti nominati f'din l-Inkjesta illi n-negligenza tal-vittma ma kienitx l-unika kawza ta' dana s-sinistru, izda kien hemm in-negligenza wkoll da parti tas-sewwieq tal-*yacht* John Zarb, ghaldaqstant ghandhom jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront ta' l-istess John Zarb u dana a tenur ta' l-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta *"akkuzat talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' Giuseppe Gatt"*.[7]

Illi l-Qorti hija tal-fehma li ghandha ssir riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Jason Calleja** moghtija fit-3 ta' Lulju 1997 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "[I]l-Magistrat Inkwirenti hu fdat lilu l-inkarigu li fil-kazijiet previsti mill-istess Titolu, jinvestiga r-reat jew il-fatt rapportat lilu u/jew izomm l-access li l-ligi tipprevedi u fl-ahharnett jirredigi *procès verbal* li l-ligi stess tirregola u tattribwilu valur probatorju. Dan kollu jifforma parti integrali mill-process generali tar-ricerka tal-verità u jikkonsisti principalment fil-gbir u preservazzjoni ta' dawk il-provi kollha, diretti u indiretti, li l-Magistrat Inkwirenti jirnexxilu jidentifika bhala pertinenti ghall-grajja jew reat li jkun qed jinvestiga. Bhala tali, u kuntrarjament ghal dak li jigri f'certi sistemi kontinentali, il-Magistrat Inkwirenti mhux parti mill-Pulizija u wisq anqas, mill-Prosekuzzjoni; anzi jidher li fis-sistema taghna huwa previst biex f'numru

[7] *A fol.* 17.

ta' kazijiet serji li l-ligi stess tispecifika, l-investigazzjoni ma ssirx biss, u l-provi ma jingabrux u ma jigux preservati biss mill-Pulizija, izda ukoll, anzi essenzjalment, minn persuni indipendenti mill-poter esklussiv tal-iStat u li jiggarantixxu li r-ricerka tal-verità ma tkunx inkwinata minn xi interessi hlief dak suprem li kollox isir skond il-haqq u l-gustizzja. […]

S'intendi, certi decizjonijiet il-Magistrat Inkwirenti bil-fors johodhom, anzi, jista' jigi affermat li minghajr l-ezercizzju ta' din il-funzjoni, l-ufficju tieghu, f'diversi kazijiet jisfa' bla sens. Hekk, per ezempju, f'kazijiet ta' mewt rapportati lilu, huwa ghandu jindaga c-cirkostanzi li wasslu ghal dik il-mewt u jistabbilixxi hiex aktarx jew certament wahda accidentali u indipendenti minn kull htija doluza jew kolpuza ta' terzi jew inkella hiex proprju r-rizultat ta' tali komportament ta' terzi. L-istess jinghad ghal kazijiet fejn jigu rapportati lilu eventi li *prima facie* ikunu jipprezentaw sembjanzi ta' reat. Hi certament l-funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti li jinvestiga, *okkorrendo* permezz ta' esperti, c-cirkostanzi kollha tal-kaz u jipprova jasal ghal konkluzjoni dwar jekk verament sarx reat u jekk hemmx provi tali li jippuntaw lejn xi hadd partikolari li jista' jigi nvestigat ulterjorment jew addirittura akkuzat. Certament m'hix il-funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti li jiddeciedi li ghar-reat investigat minnu huwa certament jew probabbilment responsabbli xi hadd partikolari, ghax kif inghad huwa ma jagixxi *qua* Qorti, la ta' Istruttorja u inqas ta' Gudikatura. Izda hija certament il-funzjoni tieghu li jiddeciedi l-ewwel hemmx provi sufficjenti li verament sar reat u t-tieni jekk a bazi tal-provi – indipendentement mill-apprezzament taghhom – hemmx bizzejjed biex jinghad li xi hadd partikolari jista' possibilment ikun passibbli ghal proceduri kriminali. Dan mhux biss jikkostitwixxi funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti, izda, fil-fehma ta' din il-Qorti huwa addirittura dover tieghu. Jigi ripetut li l-istitut tal-Magistrat Inkwirenti evidentement inholoq biex kemm hu possibbli certi ndagnijiet li jistghu jwasslu jew ghal kxif ta' reati u/jew ta' persuni responsabbli ghalihom, jew li

> jistghu ikunu necessarji f'certi eventi serji, dawn isiru bl-ikbar serjeta' u l-fuq mis-suspetti jew l-influwenza diretta jew indiretta tal-poter esekuttiv tal-iStat".

Illi, tenut kont ta' dan, hija din il-Qorti **BISS** li ghandha tiddeciedi jekk l-imputat huwiex hati jew le tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu u dana minkejja dak li gie konkluz fl-Inkjesta Magisterjali.

**Ikkunsidrat**
**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**
Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat hija vera u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik

il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*.

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice"*.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti semghet lil Joseph Gatt Baldacchino (*a fol.* 191 *et seq.*), iben il-vittma, li qal li missieru qatt ma kien johrog irejjex pero jghid li kien dejjem jistad ghal tal-qiegh. Skond hu, meta missieru kien jitfi l-magna tad-frejgatina kellu l-vizzju li johrog ic-cavetta minn gol-*ignition*. Skond Martin Gatt Baldacchino (*a fol.* 406 *et seq.*), it-tifel l-iehor tal-vittma, li fuqu kienet registrata l-frejgatina in kwistjoni, missieru kien johrog kuljum fuq il-bahar.

Illi l-Qorti semghet ukoll li l-imputat kellu licenzja nawtika valida u li kien ilu jbahhar ghal numru ta' snin gmielu. L-imputat innifsu jsostni li fil-hin tal-incident kien fuq it-tmun u li rrealizza li kien sehh l-incident meta hass daqqa. Huwa spjega li meta saret rikostruzzjoni tal-incident seta jifhem ghala bl-ebda mod ma setgha jara l-frejgatina tal-vittma waqt li kien fuq it-tmun u jghid li r-raguni ghal dan kien minhabba li: *"l-angle of approach tieghu vis-à-vis id-dghajsa tieghu poggietu ezattament gox-xemx u hadna ritratti u rajna frejgatini u qaghdna nosservaw frejgatini dehlin u hergin mix-xemx kif jidhlu fiha dak l-anglu li kien gej lejja hu ma tarhomx assolutament ma jidhrux apparti li huma baxxi u affarijiet ohra"* (*a fol.* 501). Jghid: *"jekk hu meta l-approach towards me kien fix-xemx baqa' fix-xemx, throughout the whole approach baqa' l-istess anglu direttament gox-xemx"* (*a fol.* 501). Jichad li kien qed isuq fil-*glare* tax-xemx peress li l-*glare* tinsab f'angolu ta' 45 *degrees*. L-imputat sahaq is-segwenti: *"L-istess*

*zvantagg li ghandi jien li ghandi x-xemx f'ghajnejja huwa vantagg tieghu li qed jara l-boat tieghi mixghula bix-xemx"* (*a fol.* 503).

Illi dak li jrid jigi kkunsidrat huwa s-segwenti: jekk fil-hin tal-incident l-imputat kienx fi tmun tal-*motor yacht* tieghu, jekk f'dan il-hin il-frejgatina kienitx wieqfa jew inkella kienitx miexja, jekk l-imputat kellux *proper look out* u min kellu d-dritta – jekk hux l-imputat jew inkella l-vittma.

Illi l-Qorti tinnota li fl-atti processwali jirrizultaw tlett opinjonijiet ta' tlett esperti nkarigati f'zewg Inkjesti separati: dik Magisterjali u dik ordnata *ai termini* tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta.[8] Il-Qorti tinnota wkoll kif hemm istanzi konfliggenti bejn dak li kkonkluda Dr. Joseph Zammit fir-rapport tieghu (Dok. "JZ" – *a fol.* 39 *et seq.*) fl-Inkjesta Magisterjali u dak li huwa xehed quddiem il-Qorti meta r-rapport u d-depozizzjoni tieghu jigu paragunati ma' dak li gie konkluz minn Dr. George Said u l-Kaptan John Mary Dalli fir-rapporti taghhom (Dok. "GS 2" – *a fol.* 308 *et seq.* u *a fol.* 342 *et seq.*) u d-depozizzjoni taghhom quddiem il-Qorti.

Illi Dr. Joseph Zammit ikkonferma:

(a) li kellu rizervi dwar dak li nghad lilu mill-imputat meta qallu li fil-hin tal-incident hu kien fit-tmun peress li qal li jista' jaghti l-kaz li l-imputat ma kienx qieghed jidderigi l-*yacht* manwalment (*a fol.* 469 *et seq.*);

(b) li skond hu fil-hin tal-incident il-frejgatina kienet wieqfa (*a fol.* 469 *et seq.*). Fir-rapport tieghu huwa jghid: *"L-uniku intopp li seta kellu Giuseppe Gatt hu li skond l-opinjoni umli tal-esponenti, il-magna kienet mitfija u ghalhekk jiehu naqra iktar hin biex jistartjaha u jwarrab minn nofs"* (*a fol.* 69).

Illi skond Dr. George Said (*a fol.* 456 *et seq.*):

[8] Fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2014 (*a fol.* 424), il-Qorti ordnat illi l-Kaptan John Mary Dalli u Dr. George Said ghandhom jitqiesu bhala esperti nominati minnha u dana in segwitu ta' qbil bejn il-partijiet fis-seduta msemmija (*a fol.* 425 u 426).

(a) l-imputat mhux talli kien *"in command"* tas-*Sorcery* talli kien ukoll *"on the wheel"* (*a fol.* 459);

(b) fil-hin tal-akkadut id-dghajsa tal-vittma kienet mixja.

Illi skond il-Kaptan John Mary Dalli (*a fol.* 427 *et seq.*):

(a) il-vittma kien qed irejjex u li l-dghajsa kienet *in motion* bil-magna taghha mixghula;

(b) fir-rigward tad-dghajsa li fuqha kien hemm il-vittma, f'kaz li c-cavetta tinqala' mill-magna, din xorta tibqa' tahdem, basta jkun hemm *fuel*;

(c) il-frejgatina kienet il-*give way vessel* u li s-*Sorcery* kienet l-i*stand on vessel*.

Illi jkun opportun li l-Qorti tinnota li mentri fl-Inkjesta Magisterjali, li Dr. Joseph Zammit kien mahtur fiha, ma saritx rikostruzzjoni tal-incident fuq il-bahar, fl-Inkjesta *ai termini* ta' Artikolu 313 tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta, li fiha kienu nhatru Dr. George Said u l-Kaptan John Mary Dalli din ir-rikostruzzjoni saret bis-*Sorcery* stess u liema rikostruzzjoni saret *on corrected time* sabiex ikun hemm l-istess elementi naturali kemm jista' jkun vicin dawk li kienu jezistu fil-gurnata tal-akkadut.

Illi, fir-rapport tieghu (Dok. "JZ" – *a fol.* 39 *et seq.*), Dr. Joseph Zammit jelenka l-affarijiet li skond hu setghu b'xi mod tellfu lill-imputat milli jara l-frejgatina. Huwa jghid li dawn kienu: (a) il-kulur tal-fregjatina li kien celesti, (b) ix-xemx li titla' mil-lvant li bejn wiehed u iehor kienet id-direzzjoni li kien sejjer fiha l-*yacht*, (c) il-*back scatter* tal-art li kienet wara l-frejgatina li tista' taghmilha naqra difficli biex il-frejgatina tidher meta jkollha l-art warajha li mill-bahar tkun tidher griza (*a fol.* 69 u 70). Dr. Zammit ikompli jghid: *"Madanakollu xorta fl-opinjoni umli tal-esponent, anke kieku dan kien il-kaz, John Zarb kellu jara l-fregjatina anki fl-ahhar hin qabel il-kollizzjoni kieku John Zarb kien qieghed isegwi regola numru 5. B'hekk almenu anke jekk ma jevitax il-kollizzjoni totalment, xorta ma kienx jolqot il-frejgatina ezatt bil-pruwa. Kien ikun jista' jipprova jevitaha, billi jdawwar il-yacht u*

*jekk jolqotha kien jolqotha bil-genb lejn wara tal-yacht. Id-differenza kienet tkun li l-ewwet nett l-impatt ma kienx ikun daqshekk qawwi u t-tieni kienet taghmel inqas hsara fil-frejgatina billi l-pruwa tal-yacht hija l-iktar parti soda"* (*a fol.* 70).

Illi, fir-rapport tieghu (Dok. "GS 2" – *a fol.* 342 *et seq.*), il-Kaptan John Mary Dalli jikkonkludi, fost l-ohrajn, is-segwenti:

> *"Having evaluated all the details of the said incident, it stands to reason that both parties were keeping a proper look-out as per Rule 5 of the* ***COLREGs****.*
>
> *All evidence point out that Mr. Joseph Gatt was not wearing a life jacket at the time of the incident and none was found either in flotsam or the MFC* ***6107****. If he was wearing a life jacket it could have been that this unfortunate drowning could have been avoided".*

Illi, minghajr tlaqlieq ta' xejn, il-Qorti hija propensa li aktar tistrieh fuq dak li gie konkluz minn Dr. George Said u l-Kaptan John Mary Dalli fir-rapporti taghhom u minn dak li huma xehdu u dana tenut kont tal-fatt li l-ispjegazzjonijiet moghtija minnhom huma msahha mill-fatt li saret ir-rikostruzzjoni tal-incident kif hawn fuq imsemmi u b'hekk il-konkluzjonijiet raggunti minnhom jistghu jitqiesu li huma aktar korretti minn dawk milhuqa minn Dr. Joseph Zammit.

Illi apparti dan, il-Qorti tinnota wkoll is-segwenti:

- Gie stabbilit li s-*Sorcery* kienet miexja fi triqitha lejn il-bokka ta' Marsamxett u li l-frejgatina MFC 6107 kienet gejja min naha tax-xellug – il-*portside* – tas-*Sorcery*. Minhabba li Dr. Joseph Zammit ma ghamilx rikostruzzjoni tal-incident ma setgha qatt jintebah li fil-fatt ix-xemx ma kienitx faccata tal-imputat izda kienet fuq il-*portside*!

- Jirrizulta mir-rapporti tal-esperti nominati fl-Inkjesta *ai termini* tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta li l-frejgatina li fiha kien hemm il-vittma kienet dik li tista' tissejjah bhala l-*give way*

*vessel*, b'hekk kellha thalli lis-*Sorcery* tghaddi ghaliex is-*Sorcery* kellha dik li tissejjah *ir-right of way*.

- Il-Kaptan John Mary Dalli spjega li l-imputat fuq is-*Sorcery* ma kellu ebda xemx li ttelliflu l-vista tieghu direttament quddiemu u cioé fid-direzzjoni li kien sejjer lejn il-bokka ta' Marsamxett.

- Waqt il-kontro-ezami tieghu (*a fol.* 450), il-Kaptan John Mary Dalli spjega kif fil-kaz tas-*Sorcery* u l-imputat, ma setghet qatt kienet kwistjoni ta' *improper lookout* da parti tal-imputat. Ghall-osservazzjoni tal-konsulent legali tad-difiza: *"Kaptan biex naghlaq, allura hawnhekk ghandek sitwazzjoni fejn [...] mhux biss John Zarb mhux qed jarah izda meta tqies kollox ma setax jarah"* (*a fol.* 449), il-Kaptan John Mary Dalli wiegeb: *"Ma setax jarah. Kien hemm fatturi li llimitaw li jista' jarah"* (*a fol.* 449).

- Minn dak li xehdu Dr. George Said u l-Kaptan John Mary Dalli jirrizulta li l-frejgatina kienet kostantement miexja fil-*glare* tax-xemx u ghalhekk kienet invizibbli ghall-imputat li kien fis-*Sorcery*. Ghaldaqstant, Dr. George Said ikkonferma li ghalih kien "*misteru*" (*a fol.* 464) kif il-vittma baqa' ma ha l-ebda azzjoni evaziva. Jghid: *"Din kienet ghalina l-misteru ta' kif gara, ghaliex li s-Sorcery ma rax lis-San Guzepp nifhimha mic-cirkostanzi kollha ta' l-incident, jigifieri li ma rahx sa l-ahhar nifhimha mic-cirkostanzi tal-incident, pero' is-San Guzepp I mean seta' rah at any time. U kif dana ma rahx jew kif dana ma hax azzjoni biex jevita dan l-incident baqghet dejjem sorprendenti"* (*a fol.* 464). Jghid li jista' jaghti l-kaz li l-vittma kien dahru lejn is-*Sorcery* pero ma huwiex f'pozizzjoni li jikkonferma dan.

- B'kontinwazzjoni ma' dak li nghad fil-paragrafu precedenti, il-Qorti tinnota li jirrizulta li l-vittma kien ibaghti minn marda tal-ghajnejn partikolari li tissejjah *age related macular degeneration* u li kellu wkoll il-kataretti f'ghajnejh it-tnejn. Waqt il-kontro-ezami tieghu, Dr. Said jghid: *"Skond [Dr.] Paola Bonanno meta jiena saqsejtha kif dan taffettwa l-vizjoni tieghu wahda mill-affarijiet illi hija qaltli hija li din tista' taffettwa illi ma tistax tikkalkula d-distanzi ta' l-oggetti. Jigifieri oggett tista' tarah il-boghod hafna u ma jkunx daqshekk il-boghod u jista' jkun qrib hafna u ma jkunx daqshekk*

*qrib"* (*a fol.* 465). Irrizulta wkoll li l-vittma kellu kundizzjoni ohra li tissejjah *epiretinal membrane*.

- Jirrizulta li l-frejgatina ma kienitx la *"in the plain view"* tal-imputat u anqas ma kienet *"clearly visible"*. *Di fatti*, mir-rikostruzzjoni tal-incident irrizulta l-oppost u cioé li l-*motor yacht* MY *Sorcery* kienet *"in plain view"* u *"clearly visible"* lill-frejgatina. Kien ghalhekk li l-imputat xehed kif l-izvantagg tieghu kien il-vantagg tal-vittma!

- Fl-ahhar u mhux l-inqas il-Qorti taplawdi l-imgieba ezemplari tal-imputat u dan fir-rigward ta' dak li huwa flimkien ma' martu ghamlu wara li kien sehh l-incident fejn sahansitra rriskjaw hajjithom ukoll biex jaghtu l-ghajnuna kollha necessarja lil vittma.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti ma tistax tifhem kif il-Prosekuzzjoni ssostni li ppruvat il-kaz taghha meta z-zewg esperti Dr. George Said u l-Kaptan John Mary Dalli jaslu ghal konkluzjonijiet diversi minn dawk milhuqa minn Dr. Joseph Zammit.

Illi jirrizulta li, tenut kont tac-cirkostanzi li fihom sehhet il-mewt tal-vittma, din il-mewta kienet wahda incidentali li ma setghetx tigi evitata. Sfortunatament jirrizulta li d-dinamika ta' dan l-incident kienet tali li l-imputat kien fl-impossibilita' li jara l-frejgatina.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti hi tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tilhaq il-grad ta' prova minnha rikjest u cioè li l-imputat huwa hati ta' dak li gie akkuzat bih lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. B'hekk jirrizulta li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija ta' l-imputat fir-rigward tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u l-Qorti ghalhekk hija obbligata tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni. Din il-konkluzjoni hi msahha bil-principju enuncjat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer** imsemmija aktar il-fuq f'din is-sentenza.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat John Zarb hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnha.

Finalment, il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi skwalifikat milli jzomm jew jikseb xi *warrant*, licenzja tas-sewqan ghaz-zmien rikjest mill-istess Prosekuzzjoni.

___________________________

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

___________________________

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**